Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 507/2014

Il-Pulizja

Spettur Sarah Magri

Vs

Carmelo Ciantar

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Carmelo Ciantar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 338453M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Settembru, 2014 ghal-habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) gewwa Tas-Salib limiti ta' Rabat, Malta:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel b'awtorita' tieghu innifsu jhallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika l-Artikolu 377(5) sabiex tassigura li l-persuna li baghtiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti iddikjarat li sabet lill-imputat Carmelo Ciantar hati tal-akkuza u tikkundannah multa ta' hamsin Ewro (€50).
In oltre li ai termini tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex minnufih jaghti lura l-pussess tal-art lill-kwerelant.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Ciantar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-5 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmelo Ciantar huma s-segwenti w cioe':-

a) Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu w ma jistax jifhem kif, bhala sid, qed jigi akkuzat talli qed jutilizza l-propjeta' tieghu, kif wara kollox kellu kull dritt li jghamel.
b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat incident gara fil-5 ta' Settembru, 2014 meta l-imputat akkwista l-art fl-10 ta' April, 2013! Illi, ghalhekk, l-imputat kien ilu diehel u hiereg fil-propjeta' teighu minghajr ma

kien hemm l-icken diffikulta. Illi n-nuqqas ta' buona fede minn naha tal-kwerelati jispikka mill-fatt li l-istess imputat kien tkellem ma wiwhed mill-kwerelati li hu kuntrattur biex jaghmel xoghol fejn irrisponda lill-imputat biex iqabbad xi haddiehor minflok. Illi ghalhekk, wiehed ma jistax jifhem kif f'dan l-istadju l-kwerelati qed jilmentaw meta kienu jafu li l-imputat kien akkwista w ghalhekk kien ilu fil-pussess tal-propjeta minn meta akkwista l-propjeta fid-data hawn fuq indikata! Illi ta' min isemmi wkoll li waqt li kienu qed isiru l-pilastri, l-kwerelati ma qalu xejn! Imma, pero', b'ammissjoni teighu w b'mod abbuziv, Azzopardi mar u nehha kollox, liema agir ser jirrizulta f'kumpilazzjoni f'proceduri separati!

c) Illi wara cirka 15 il-gurnata gew zewgt hut Mark Azzopardi w cioe' Luigi u Gianni offerw lill-imputat cavetta biex ikun jista' jiftha il-wire tal-azzar ghad-dhul. Illi l-imputat ma accettax din ic-cavetta ghax kien ser jiftah ghat-triq billi jiftah il-hajt bhal ma gie spjegat qabel.

d) Illi tul dan il-perjodu, l-kwerelanti qatt ma qalu xejn, anzi, qatt ma baghtu xi ittra bonarja w/jew legali u/jew istitwes proceduri civili, liema nuqqas turi nuqqas ta' krreddibilita minn naha tal-kwerelati.

e) Illi din apparti, jekk kien hemm xi pretensjoni minn naha tal-parti leza, s-sitwazzjoni hi res inter alios acta li ma tapplikax ghall-imputat li semplicement ezercita haga legittima liema haga tirrizulta mill-kuntratt. Illi di pou, l-mala fede minn naha tal-kwerelati tispikka mill-fatt li hu/ma kien/u f'kawza simili mas-sid precedenti quddiem l-istess Magistrat, fejn l-kwerelati tilfuha, biex b'hekk is-sitwazzjoni fil-fatt iktar aggravat u timmilita favur l-imputat.

f) Illi ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti tista' tara nuqqas serju m'hux biss ta' kredibbilita, imma l-kwerelati fil-fatt jafu li gia kellhom decizjoni kontrihom fuq pretenzjoni simili liema haga svijaw l-ewwel qorti, liema agir jimmilita favur l-imputat, li wara kollox, kien qed jezercita biss d-drittijiet tieghu legittimi.

g) Illi di piu, qed jirrizulta b'mod car dubbju serju anki fuq il-pretensjonijiet tal-kwerelanti stess li gia kien hemm proceduri precedenti fejn irrizulta li ma kellhomx success.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti hija dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti. L-appellanti huwa tal-fehma illi bil-fatt illi huwa is-sid tal-ghalqa fejn sar l-allegat spoll minnu allura dan jaghtih il-jedd skont il-ligi u anke skont il-kuntratt ta'l-akkwist illi jezegwixxi x-xogholijiet minnu intraprizi sabiex jibni passagg ghal proprjeta tieghu. Jishaq ukoll illi l-kwerelanti ma ghandhomx jedd fuq din l-art.

Illi l-elementi tar-reat hekk imsejjah "*raggion fattasi*" gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. " (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Gie ritenut illi :

**"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-**

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004

**element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.**[2]"

Fuq kollox:

"**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**"

L-ewwel haga allura li ghandu jigi accertat huwa l-esistenza tal-pussess fil-kwerelanti u dan immaterjalment minn kwalsiasi jedd petitorju li l-appellanti jista' igawdi fuq l-art mertu tal-kaz. Dan il-fatt materjali tal-pussess gie stabbilit mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata u dan wara apprezzament minnha maghmula tal-atti probatorji. Illi huwa principju ormai rassodat illi din il-qorti ta' revizjoni qajla iccaqlaq dak li, fid-diskrezzjoni taghha, l-Ewwel Qorti apprezzat mill-provi kemm orali kif ukoll dokumentali li ikollha migbura quddiemha. Premess dan din il-Qorti wara li fliet l-atti processwali u wara li kellha okkazzjoni tisma' mill-gdid il-ko-litigandi f'dina l-istanza ma tistax hlief tasal ghall-istess konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti. Illi mir-retroxxena li wassal ghal din il-vertenza jirrizulta illi fl-inhawi mertu tal-kaz hemm estenzjoni kbira ta' raba li kienet ghal snin twal imqabbla lil diversi bdiewa. Illi is-sidien ta' din l-estenzjoni ta' art bdew jippruvaw jilhqu ftehim ma' dawn il-gabillotti billi jitolbuhom jirrilaxxjaw ir-raba minnhom okkupata u in kontro-kambju jinghataw titolu ta' proprjeta fuq bicca raba' zghira. Jidher illi l-appellanti accetta dina l-proposta, izda il-kwerelanti irrifjutaw biex b'hekk, kif anke jirrizulta mill-kotba tal-qbiela u anke mic-cedoli ta' depozitu li saru fil-qorti sussegwenti ghar-rifjut tas-sidien milli ikomplu jaccettaw dik il-qbiela, l-kwerelanti baqa' fil-pusess tar-raba okkupata minnu u mill-familja tieghu, parti mill-liema raba jidher li nbieghet lill-appellanti. Dan huwa rifless anke fix-xhieda ta'l-appellanti illi ghalkemm jibqa' jishaq illi huwa proprjetarju ta'l-art mertu tal-kaz, madanakollu ma jichadx illi l-kwerelanti u l-antenati tieghu kienu jahdmu ir-raba in dizamina u anke jonsbu hemmhekk. Allura huwa ma kellux jedd jaqbad u iwaqqa' il-hajt tas-sejjiegh sabiex jaghmel passagg fuq dina r-raba akkwistata minnu, anke jekk kellu il-

[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

permessi kollha mill-awtoritajiet sabiex jaghmel dan, minghajr ma jikseb il-kunsens preventiv tal-kwerelanti. Stabbilliti kwindi dawn il-fatti probatorji u elementi gurisprudenjzali u legali li isawwru ir-reat tar-*ragion fattasi*, johrog minghajr ebda dubbju illi l-azzjoni penali intententata fil-konfront ta'l-appellanti hija wahda ben fondata billi l-elementi legali li ifasslu dina l-azzjoni huma ben ippruvati u dan billi huwa accertat il-pussess ta'l-kwerelanti kif ukoll huwa skontat l-att vjolattiv maghmul mill-appellanti li biddel l-istat ta' fatt. L-ezercizzju minnu ghat-tharis tad-drittijiet proprjetarji tieghu ma kellux isir bil-mod arbitrarju maghzul minnu. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali in re: "Il-Pulizija -vs- Antonio Cremona", 22 ta' April, 1961, "*id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi hija intiza biex il-privat, li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li jippretendi li ghandu*";

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata, b'dan ovvjament illi id-drittijiet civili kollha tal-partijiet huma u jibqghu impregudikati bl-odjerna decizjoni.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur